A.L. 316 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli ta' l-2005 dwar Miżuri Minimi għall-Kontroll ta' Mard fil-Molluski Bivalvi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5(1) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' Affarijiet Rurali u l-Ambjent, wara konsultazzjoni mas-Servizzi Veterinarji, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu, skop u tifsiriet.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2005 dwar Miżuri Minimi għall-Kontroll ta' Mard fil-Molluski Bivalvi.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu sabiex jimplimentaw ir-regoli tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 95/70/KEE dwar l-Introduzzjoni ta' Miżuri Minimi tal-Komunità Ewropea għall-Kontroll ta' ċertu Mard li jolqot il-Molluski Bivalvi, skond l-artikolu 5 (1) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(3) Dawn ir-regoli jistabilixxu miżuri minimi għall-kontroll tal-mard li jolqot il-Molluski bivalvi msemmija f'dawn ir-regoli.

(4) Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli għandhom japplikaw it-tifsiriet kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/67/KEE u fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/492/KEE.

(5) Addizzjonalment, 'imwiet mhux normali osservati' tfisser il-mewt ħabta w sabta ta' bejn wieħed u ieħor 15% tal-ħażniet, li tkun ġrat fuq perjodu qasir bejn żewġ spezzjonijiet (konfermata fi żmien 15-il ġurnata). F'post fejn jiġu mfaqqsa l-molluski, imwiet jitqiesu li ma jkunux normali meta l-bidwi ma jirnexxilux jieħu *larvae* f'perjodu li fih kien hemm għenieqed ta' bajd minn ħażniet għat-tagħmir differenti. F'*nursery,* imwiet jitqiesu li ma jkunux normali meta jseħħu f'għadd kbir, fi żmien qasir, f'għadd ta' tubi li fihom ikunu qegħdin jitkabbru.

Registrazzjoni u tagħrif li għandu jinżamm mill-farms li jkabbru l-molluski bivalvi.

2. (1) Il-farms kollha fit-territorju ta' Malta li jkabbru l-molluski bivalvi għandhom jiġu reġistrati mis-servizz uffiċjali. Din ir-reġistrazzjoni trid tinżamm dejjem aġġornata.

(2) Il-farms kollha fit-territorju ta' Malta li jkabbru l-molluski bivalvi għandhom iżommu tagħrif dwar:

(a) molluski bivalvi ħajjin li jkunu ddaħħlu fil-farm. Dan it-tagħrif għandu jinkludi l-informazzjoni kollha relatata mal-kunsinna tagħhom, l-għadd tagħhom jew il-piż, il-qies, kif ukoll l-oriġini tagħhom;

(b) molluski bivalvi li jkunu ser jinħarġu mill-farm għall-immersjoni mill-ġdid. Dan it-tagħrif għandu jinkludi l-informazzjoni kollha relatata mad-dispaċċ, l-għadd tagħhom jew il-piż, il-qies, kif ukoll id-destinazzjoni tagħhom;

(ċ) imwiet mhux normali osservati. Dan it-tagħrif, li għandu jkun miftuħ f'kull ħin għal skrutinju mis-servizz uffiċjali, għandu jkun aġġornat regolarment u jinżamm għal erba' snin.

Osservazzjoni u teħid ta' kampjuni f'*farms* li jkabbru l-molluski bivalvi.

3. (1) Programm ta' osservazzjoni u teħid ta' kampjuni għandu jiġi applikat f'farms li jkabbru l-molluski bivalvi, żoni fejn ikunu qegħdin jitkabbru l-molluski u mkejjen naturali fejn ikunu qegħdin jitkabbru l-molluski bivalvi, u dan bil-għan li jiġi osservat jekk ikunx hemm imwiet mhux normali, kif ukoll sabiex jinżamm rendikont tas-sitwazzjoni ta' saħħa tal-ħażniet. Is-servizz uffiċjali jista' wkoll japplika l-programm hawn qabel imsemmi għal entri ta' purifikazzjoni u tankijiet tal-ħazna li jitfgħu l-ilma fil-baħar. Jekk waqt l-applikazzjoni ta' dan il-programm ikunu osservati mwiet mhux normali, jew jekk is-servizz uffiċjali jkollu tagħrif li permezz tiegħu jkollu raġuni għaliex jissuspetta li jkun hemm xi mard, għandhom jittieħdu dawn il-miżuri li ġejjin:

(a) għandha tinġabar lista tas-siti li jkun fihom il-preżenza ta' mard imsemmi fil-lista II fl-Iskeda A tad-Direttiva tal-Kunsill ta' L-Unjoni Ewropea 91/67/KEE, kemm-il darba dan il-mard ma jkunx soġġett għal xi programm approvat taħt l-istess Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

(b) għandha tinġabar lista tas-siti li fihom ikunu ġew osservati mwiet mhux normali b'riżultat tal-mard imsemmi fl-Iskeda B, jew tas-siti li dwarhom is-servizz uffiċjali jkollu tagħrif li permezz tiegħu jkollu raġuni għaliex jissuspetta li jkun hemm xi mard,

(ċ) għandha tkun osservata mill-qrib l-evoluzzjoni u l-firxa ġeografika tal-mard imsemmi fir-regola 1 (a) u (b).

(2) Ir-regoli dettaljati li permezz tagħhom għandha tkum implimentata din ir-regola, u, fost l-oħrajn r-regoli li għandhom japplikaw biex jitwaqqaf il-programm imsemmi fis-subregola (1) ta' din ir-regola, partikolarment għal dak li jirrigwarda l-frekwenza u l-

iskeda ta' l-osservazzjoni, proċeduri għat-teħid ta' kampjuni (volum statistikament rapprezentattiv) u metodi tad-dijanjosi, għandhom jiġu adottati, jekk ikun hemm il-ħtieġa, skond dak li tirrikjedi l-Komunità Ewropea u taħt il-proċedura stabbilita taħt l-artikolu 5(1) ta' l-Att Dwar is-Servizzi Veterinarji.

Miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' suspett ta' mard.

4. (1) Is-servizz uffiċjali għandu jkun infurmat fl-aqsar żmien possibbli b'kull suspett tal-preżenza ta' xi waħda mill-mardiet imsemmija f'regolament 3, u kull rata ta' mwiet mhux normali ta' molluski bivalvi osservata ġewwa farms, żoni ta' farm jew imkejjen naturali fejn ikunu qegħdin jitkabbru l-molluski, ċentri ta' purifikazzjoni jew tankijiet tal-ħażna li jitfgħu l-ilma fil-baħar. Din l-informazzjoni għandha tingħata lis-servizz uffiċjali jew mill-bdiewa tal-frott tal-baħar jew minn kull persuna oħra li tkun għamlet dawn l-osservazzjonijiet.

(2) Fil-każ imsemmi fis-subregola 5 (1), is-servizz uffiċjali għandu jiżgura illi:

(a) jittieħdu kampjuni biex jiġu eżaminati f'laboratorju approvat;

(b) sakemm joħroġ ir-riżultat ta' l-eżami tal-kampjuni msemmi fil-paragrafu (a), l-ebda mollusk ma jinħareġ mill-farm, żona ta' farm, post naturali fejn jitkabbru l-molluski, entri ta' purifikazzjoni jew tankijiet tal-ħazna li jitfgħu l-ilma fil-baħar, biex jittieħed f'xi farm ieħor jew fl-ambjent akwatiku, sakemm dan ma jkunx awtorizzat mis-servizz uffiċjali.

(3) Jekk mill-eżami msemmi fis-subregola 5(2)(a) ma tirriżultax il-preżenza ta' patoġenu, ir-restrizzjonijiet imsemmija fis-subregola 5(2)(b) għandhom jitneħħew.

(4) (a) Jekk mill-eżami msemmi fis-subregola 5(2) tirriżulta l-preżenza ta' patoġenu li jista' jkun responsabbli għall-imwiet mhux normali, jew ta' patoġenu ta' xi waħda mill-mard imsemmijin fir-regola 4, is-servizz uffiċjali għandu jagħmel investigazzjoni epizootika bil-għan li tkun determinata l-kawża tal-kontaminazzjoni u jkun investigat jekk xi molluski jkunux inħarġu mill-farm, żona ta' farm, jew post naturali fejn jitkabbru l-molluski fil-perjodu ta' qabel ma jkunu ġew osservati l-imwiet mhux normali.

(b) Jekk mill-investigazzjoni epizootika jirriżulta li l-marda tkun ġiet introdotta ġewwa xi farm, żona ta' farm, jew post naturali fejn jitkabbru l-molluski b'riżultat, fost l-oħrajn, ta' aqlieq tal-molluski, għandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tas-sebregola 5(2). Madanakollu, bħala deroga mill-artikolu 3 (1) (ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/67/KEE, is-servizz uffiċjali jista'

jawtorizza ċ-ċaqlieq ta' molluski bivalvi ħajjin għal go farms, żoni ta' farm, jew postijiet naturali fejn jitkabbru l-molluski, fl-istess territorju, li jkunu wkoll infettati bl-istess marda.

(ċ) Jekk ikun meħtieġ, is-servizz uffiċjali jista' jieħu miżuri oħra adatti, dejjem skond dak li tirrikjedi l-Komunità Ewropea, u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 5(1) ta' l-Att Dwar is-Servizzi Veterinarji.

(5) Is-servizz uffiċjali għandu jiżgura li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea jkunu informati mmedjatament b'kull każ ta' rati ta' mwiet mhux normali li jinvolvu xi patogenu, bil-miżuri meħuda biex janalizzaw u jikkontrollaw is-sitwazzjoni, u bil-kawża ta' l-imwiet. Din l-informazzjoni għandha tingħata skond il-proċeduri attwali tal-Komunità Ewropea.

Teħid ta' kampjuni u ttestjar.

5. (1) It-teħid ta' kampjuni u l-ittestjar fil-laboratorju bil-għan li tkun indivitwata l-kawża ta' mwiet mhux normali ta' molluski bivalvi għandhom isiru skond il-metodi stabbiliti mill-Komunità Ewropea.

(2) Qiegħed jiġi msemmi laboratorju nazzjonali ta' referenza għal Malta, bil-failitajiet u l-persunal espert meħtieġ biex isir l-ittestjar imsemmi fis-subregola 6(1), fl-Iskeda A li tinsab ma' dawn ir-regoli.

(3) Il-laboratorji nazzjonali ta' referenza għandhom jikkoperaw mal-laboratorju ta' referenza tal-Komunità Ewropea għall-mard tal-molluski.

Spot-checks minn esperti mill-Kummissjoni Ewropea.

6. (1) Esperti mill-Kummissjoni Ewropea jistgħu jagħmlu *spot-checks* bil-għan li jiżguraw l-uniformità fl-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 95/70/KEE. Biex jaqdu dan l-inkarigu dawn l-esperti jistgħu jagħmlu *spot-checks* għall-għarrieda u mhux diskriminatorji biex jiżguraw li s-servizz uffiċjali inkarigat mill-mard tal-molluski jkun qiegħed jissorvelja li jkun hemm konformità ma' dik id-Direttiva.

(2) *Spot-checks* imsemmija fis-subregola (1) għandhom isiru bil-kollaborazzjoni tas-servizz uffiċjali inkarigat mill-mard tal-molluski f'Malta.

(3) Is-servizz uffiċjali inkarigat mill-mard tal-molluski f'Malta għandu jipprovdi lill-esperti b'kull assistenza li dawn ikollhom bżonn sabiex jaqdu l-inkarigu tagħhom.

SKEDA A

IL-LABORATORJU NAZZJONALI TA' REFERENZA GĦAL MARD TAL-MOLLUSKI BIVALVI GĦAL MALTA

ISTITUTO ZOOPROFILATTICO SPERIMENTALE DELLE VENEZIE,
Area Ittiopatologia Laboratorio Patologia Molluschi,
Via della Roggia, 94
I-33030 Basaldella di Campoformido (UD)
Italja.

SKEDA B

MARD TAL-MOLLUSKI BIVALVI U L-ISPEĊI OSPITANTI SUXXETTIBBLI

Marda	Patoġenu	Speċi Ospitanti Suxxettibbli
Bonamiosis	*Bonamia exitiosus*	*Tiostrea chilensis* u *Ostrea angasi*
	Mikrocytos roughleyi	*Saccostrea (Crassotrea) Commercialis*
Marteiliosis	*Marteilia sydneyi*	Marteiliosis *Saccostrea (Crassotrea) commercialis*
Microcytosis	*Mikrocytos mackini*	*Crassotrea gigas*; C. *virginica; Ostrea edulis*; O. *conchaphila*
Perkinsosis	*Perkinsus marinus*	*Crassotrea virginica* u C. *gigas*
	Perkinsus olseni/ atlanticus	*Haliotis ruber*; H. *cyclobates*; H. *scalaris*; H. *laevigata*; *Ruditapes philippinarum* u R. *decussates*
Marda *MSX*	*Haplosporidium nelsoni*	*Crassotrea virginica* u C. *gigas*
Marda *SSO*	*Haplosporidium costale*	*Crassotrea virginica*
Sindromu ta' widnet il-baħar li qed tidbiel	*Candidatus Xenohaliotis californiensis*	Membri tal-generu *Haliotis* inkluzi l-widnet il-baħar sewda (H. *cracherodii)*, widnet il-baħar ħamra (H. *rufescens*), widnet il-baħar roża (H. *corruguta*), widnet il-baħar ħadra (H. *fulgens*) u widnet il-baħar bajda (H. *sorenseni)*

Nota: L-ispeċi ospitanti suxxettibbli jinkludu wkoll dawk l-ispeċi speċifikati, b'relazzjoni għall-patogenu konċernat, fl-aħħar edizzjoni ta' l-*International Aquatic Animal Health Code* maħruġ mill-*International Office of Epizooties* (OIE).